**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJON I FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Frar 2024**

**Rikors Nru : 502/2023JPG**

**Kawza Nru : 17**

**CV**

**vs**

**LV**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' CV datat 19 ta' Settembru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Hal-Tarxien dedikata lil Santa Marija Annunzjata (ara hawn anness u mmarkart bhala* ***'Dok A'*** *ic-certifikata taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottoressa Patricia Hall datat tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala* ***'Dok B'****;*

*Illi l-partijiet ilhom iktar minn sitt (6) xhur legalment separati;*

*Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn sitt (6) xhur mifrudin, illum ghandhom*

*hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi m' hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante li qatt ma mantnew lil xulxin wara is-separazzjoni, inoltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievi manteniment minghand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie iccelebrat fil-Knisja Parrokjali ta' Hal-Tarxien dedikata lil Santa Marija Annunzjata fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;.

Rat ir-risposta tal-intimata datata 12 ta' Dicembru 2023 a Fol 20 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-proċedura adoperata u ċioe r-rikors ġuramentat mhix il-proċedura intiża li tintuża għal dawn il-proċeduri li suppost isiru permezz ta' rikors normali. Għaldaqstant jekk din il-proċedura fiha spejjeż oltre minn dawk ta' rikors normali dawn għandhom jitħallsu mir-rikorrenti;*

2. *Illi fit-tieni lok u fil-mertu, l-esponenti tikkonferma l-kontenut tar-rikors promotur fl-intier tiegħu u tiddikjara li qegħdha taqbel mat-talba għal ħall taż-żwieġ.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 2024 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 21)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 13) illi l-partijiet izzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2011 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 18 t'Awwissu 2015 in atti tan-Nutar Dr Patricia Hall. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 23)s u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 1069/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 18 t'Awwissu 2015 in atti tan-Nutar Dr Patricia Hall. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1069/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**